MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Numru 255/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Paul Grech**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Paul Grech talli fit-30.08.2003 ghal habta tas-2.25pm fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, saq vettura bin-numru EBH-073:

(1) b'manjiera traskurata;
(2) perikoluza;
(3) u aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, habat ma vettura bin-numru CAD-643 u nvoluntarjament ikkagunalha hsara ghad-detriment ta' Alvin Buttigieg minn Ghajniselem;
(4) kif ukoll ikkaguna griehi ta' natura hafifa kif certifikat minn Dr Ian Galea MD tal-Isptar Generali ta'

Ghawdex fuq il-persuna ta’ Alvin Buttigieg minn Ghajnsielem, Ghawdex;
L-ewwel qorti kienet mitluba li, f’kaz ta’ htija, oltre l-piena tiskwalifika lil Grech mill-licenzja tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta’ Gunju, 2006 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Peter Paul Grech hati skond l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa komplessiva ta’ sittin lira (Lm60), u skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ tlett xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Peter Paul Grech minnu prezentat fil-11 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2007; ikkunsidrat:

L-aggravji tal-appellant jistghu effettivament jingabru f’aggravju wiehed u cioe` li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha kif ukoll applikat ghall-fatti li rrizultawlha principji legali zbaljati. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn toqghod tirriproduci l-argumenti kollha – pjuttost tawl u ripettittivi – li hemm fir-rikors ta’ appell, u dan ghas-semplici raguni li galadarba din il-Qorti kellha terga’ tisma’ mill-gdid il-provi peress li dawn ma kienux gew traskritti, xi ftit jew wisq il-valutazzjoni ta’ kollox terga ssir mill-gdid – ghakemm dejjem tibqa’ valida r-regola li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi u l-konkluzzjoni milhuqa a bazi taghhom mill-ewwel qorti.

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li dak li gara kien is-segwenti: L-appellant kien niezel min-Nadur u kif gie fl-inkorcju ma’ Triq Borg Gharib f’Ghajnsielem huwa kellu l-hsieb li jikser lejn il-lemin biex jaqbad it-triq lejn ir-Rabat. Ghalkemm din il-Qorti taqbel li l-appellant waqaf momentaneament fuq l-i*stop sign* li hemm fl-art, huwa hareg ghal gol-karreggjata li kellu jittraversa u kif kien qasam il-karreggjata li mir-Rabat taghti ghall-Qala u kien ser jaqbad il-karreggjata l-ohra li taghti fid-direzzjoni

opposta (cioe` mill-Qala ghar-Rabat) il-vettura ta’ Buttigieg ghaddiet minn quddiemu b’tali mod li din giet investita mill-vettura tal-appellant. Jirrizulta mill-provi wkoll li (a) Buttigieg ma kienx qed isuq b’xi velocita` oltre dik regolamentari (il-*brake marks* ta’ 24 metru jindikaw velocita` ta’ ftit aktar minn tletin mil fis-siegha); (b) Buttigieg ra lil Grech wieqaf ‘l fuq mill-i*stop sign* u ghalhekk baqa’ ghaddej ; u li (c) kif appena Buttiegieg beda japplika l-*brakes*, ghax induna li Grech kien ser ikompli johrog u jaqsamlu l-karreggjata, l-istess Buttigieg gibed lejn il-lemin b’mod li beda jinvadi l-karreggjata opposta ghal tieghu. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti l-invazjoni tal-karreggjata opposta da parti ta’ Buttigieg kienet dovuta ghall-fatt li kif ra lil Grech hiereg huwa pprova jevitah billi proprju jigbed lejn il-lemin, izda xorta wahda intlaqat minn Grech. Grech da parti tieghu jghid (a) li lill-Buttigieg rah gej mill-boghod imbaghad hareg “bil-mod”; u li (b) kif kien ser jaqbad il-karreggjata li taghti ghar-Rabat, Buttigieg ghadda sparart minn quddiemu u saret il-habta. Issa harigx bil-mod jew ghal gharrieda, xorta jibqa’ l-fatt li kien jinkombi fuq Grech li jesplora sew u li jassigura li ma jaqsamx l-ewwel karreggjata u anqas jidhol fit-tieni wahda qabel ma jkun zgur li seta jaghmel hekk minghajr ebda perikolu ghal hadd – la dawk gejjin mid-direzzjoni tar-Rabat u lanqas dawk sejrin fid-direzzjoni tar-Rabat. Din il-Qorti hi sodisfatta li Grech ikkalkola hazin jew id-distanza bejnu u bejn Buttigieg meta rah l-ewwel darba, jew ikkolkola hazin il-velocita` li kien ghaddej biha Buttigieg u, bil-fatt li, kif ighid hu stess, hareg “bil-mod” holoq emergenza ghal Buttigieg li bil-fixkla fok baqa’ ghaddej dritt u forsi kien jaghddi minn wara Grech, gibed lejn il-lemin u gie quddiemu. Fl-ahjar ipotesi ghall-appellant jista’ forsi jinghad li Buttigieg kien qed isuq b’mod aljenat, pero` dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tal-appellant li kellu jassigura li ma jaqsamx iz-zewg karreggjati qabel ma jkun zgur li jista’ jaghmel hekk bla ebda intralc ghall-utenti taz-zewg karreggjati li kellu jidhol fihom.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ l-iskwalifka tal-licenzja jibda minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------